

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di Pace di Revere (l-Italja) — proċeduri kriminali kontra Ahmed Ettagħi

(Kawża C-73/12) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Nuqqas ta' deskrizzjoni tal-kawża prinċipali — Inammissibbiltà manifesta)

(2012/C 303/15)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di Pace di Revere

Parti fil-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali

Ahmed Ettagħi

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Giudice di Pace di Revere — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2, 4, 6, 7, 8, 15 u 16 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qiegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98), kif ukoll tal-Artikolu 4(3) TUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi multa fuq il-persuna barranija li tkun daħlet b'mod illegali fit-territorju nazzjonali jew li tkun irrisediet f'dan it-territorju b'mod illegali — Ammissibbiltà tar-reat kriminali ta' residenza illegali — Possibbiltà li l-multa tiġi ssostitwita bit-tkeċċija immedjata għal perijodu ta' minn tal-inqas ħames snin jew b'pienā li tirrestrinġi l-libertà ("permanenza domiciliare") — Obbligi tal-Istati Membri matul it-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Revere (l-Italja), b'deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2012, hija manfestament inammissibbli.

(⁽¹⁾ ĠU C 118, 21.4.2012)

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Giudice di Pace di Revere — l-Italja) — proċeduri kriminali kontra Abd Aziz Tam

(Kawża C-74/12) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Nuqqas ta' deskrizzjoni tal-kawża prinċipali — Inammissibbiltà manifesta)

(2012/C 303/16)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di Pace di Revere

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Abd Aziz Tam

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Giudice di Pace di Revere — Interpretazzjoni tal-Artikoli 2, 4, 6, 7, 8, 15 u 16 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qiegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98), kif ukoll tal-Artikolu 4(3) TUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi multa fuq il-persuna barranija li tkun daħlet b'mod illegali fit-territorju nazzjonali jew li tkun irrisediet f'dan it-territorju b'mod illegali — Ammissibbiltà tar-reat kriminali ta' residenza illegali — Possibbiltà li l-multa tiġi ssostitwita bit-tkeċċija immedjata għal perijodu ta' minn tal-inqas ħames snin jew b'pienā li tirrestrinġi l-libertà ("permanenza domiciliare") — Obbligi tal-Istati Membri matul it-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di Pace di Revere (l-Italja), b'deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2012, hija manfestament inammissibbli.

(⁽¹⁾ ĠU C 118, 21.4.2012)

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Lulju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Giudice di Pace di Revere — l-Italja) — proċeduri kriminali kontra Majali Abdel

(Kawża C-75/12) ⁽¹⁾

(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Nuqqas ta' deskrizzjoni tal-kwistjoni fil-kawża — Inammissibbilà manifesta”)

(2012/C 303/17)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Giudice di Pace di Revere

Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Majali Abdel

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Giudice di Pace di Revere — Interpretazzjoni tal-Artikolu 2, 4, 6, 7, 8, 15 u 16 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qiegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98), kif ukoll tal-Artikolu 4(3)TUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi multa fuq il-persuna barranija li tkun daħlet b'mod illegali fit-territorju nazzjonali jew li tkun irrisediet f'dan it-territorju b'mod illegali — Ammissibbiltà tar-reat kriminali ta' residenza illegali — Possibbiltà li l-multa tiġi ssostitwita bit-tkeċċija immedjata għal perijodu ta' minn tal-inqas ħames snin jew b'pienā li tirrestrinġi l-libertà ("permanenza domiciliare") — Obbligi tal-Istati Membri matul it-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva